MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 316/2012

Il-Pulizija

(Spettur Mario Curmi)

vs

**Omissis**

**Mario Spiteri Sacco**

iben Victor, imwieled Pieta' fl-14 ta' Mejju, 1957, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 347851(M)

u

**Veneranda Spiteri**

bint Carmelo, imwieleda Qrendi fid-19 ta' Lulju, 1957, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 483557(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Mario Spiteri Sacco u Veneranda Spiteri, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli fil-lejl ta' bejn is-16 u is-17 ta' Awwissu, 2006, fil-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, bil-koperazzjoni ta' persuni ohra, iddisponew minn oggetti, bla dazju, u dan bil-hsieb

li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta minn dazju u taxxi li kien messhom hallsu fuqha, liema oggetti ghandhom valur, dazju ta' importazzjoni, dazju tas-SISA, u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) kif jidher hawn taht, rispettivament:
Total Lm119.000 – Dazju tal-Importazzjoni Lm87.40,1; Dazju tas-SISA Lm139.36,0; VAT Lm62.23,7;
Liema Dazju ta' Importazzjoni, Dazju tas-SISA u VAT ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

2. Talli bhala mpjegati mal-Malta International Airport, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircevew, jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor, vantagg li ghalih ma kellhomx jedd, u b'hekk naqsu li jaghmlu dak li hu fid-dmir taghhom li jaghmlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat ix-xhieda prodotti u wara li rat li ma tressqu l-ebda provi in difesa lliberat lill-imputati appellati mill-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 ta' Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha miġjuba f'dan il-każ issib lill-imputati appellati ħatja tal-akkużi kif dedotti kontra tagħhom u tinfliġġi l-piena skont il-Liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fis-06 ta' Ġunju, 2012 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha kif hawn fuq riferita, għamlet enuċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputati appellati mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom, nonche serħet il-konklużjoni fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-liġi u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**1. <u>L-istqarrija mogħtija mill-imputati appellati lill-Pulizija</u>**

Illi konxju tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tal-Qrati Maltin, l-esponent itenni li ma jaqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta għażlet li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati appellati, *stante* li dawn kienu ttieħdu fis-sena 2006 u għalhekk mingħajr id-dritt għall-assistenza legali, għal diversi raġunijiet, fosthom:

Illi, fost affarijiet oħra, meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qalet li l-istqarrijiet ittieħdu fis-sena 2006, u għalhekk mingħajr id-dritt tal-assistenza legali, implikat illi l-imputati appellati setgħu awtomatikament sofrew xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'mod speċifiku tad-dritt għal smigħ xieraq, minħabba f'hekk.

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u tal-Qrati Maltin l-oħra, tnisslu mid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża fl-ismijiet *Salduz vs Turkey*.

Illi l-esponent jemmen illi din id-deċiżjoni ġiet segwita mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'mod li ma tagħtx biżżejjed piż għad-dettalji u ċ-ċirkostanzi partikolarissimi li kienu preżenti fil-kawża deċiża mill-Qorti Ewropea kwotata hawn iktar 'l fuq u ma ddistingwitx suffiċjentement dawn il-fatti minn dak li irriżulta f'dan il-każ partikolari.

i. **<u>L-imputati appellati fl-ebda mument ma ġew mċaħħda mid-dritt għall-assistenza legali</u>**

Illi l-Qorti Ewropea fil-każ *Salduz*[1] qalet illi d-dritt għall-assistenza legali jista' jiġi ristrett, jew fi kliem ieħor miċħud, f'każijiet fejn tintwera raġuni tajba għal din ir-restrizjoni. F'każijiet bħal dawn, tali restrizzjoni trid tiġi interpretata fil-kuntest tal-proċeduri penali fl-intier tagħhom.

Illi fil-każ in diżamina, fl-ebda mument ma jirriżulta mill-atti proċesswali li l-imputati appellati ġew imċaħħda mid-dritt li jikkonsultaw avukat. Verament li l-liġi Maltija ma kienetx tipprovdi dritt għall-assistenza legali qabel, u/jew waqt, interrogatorju b'mod espliċitu, fis-sens li l-liġi li kienet tawtorizza tali assistenza qabel l-interrogatorju kienet għadha mhux fis-seħħ, iżda mill-banda l-oħra l-imputati appellati fl-ebda mument ma talbu

[1] Para. 52

biex jikkonsultaw ma' tali avukat. B'hekk ma jistax jingħad li f'xi mument ġiet miċħuda xi talba għal assistenza legali għax tali talba qatt ma saret. Fl-aħħar mill-aħħar kulħadd għandu dritt ġenerali ta' assistenza legali. Fil-każijiet *Salduz* u *Panovits*[2] il-Liġi kienet tipprovdi għal assistenza legali jew konsulta legali u din ma ġietx offruta fil-mument opportun.

**ii. <u>L-imputati appellati qatt ma allegaw xi trattament ħażin mill-awtoritajiet fil-konfront tagħhom</u>**

Illi fil-każ Salduz kien hemm allegazzjoni ta' trattament ħażin fil-konfront tiegħu waqt l-interrogazzjoni, kif ukoll illi l-istqarrija ngħatat meta allegatament kien imġiegħel u f'kuntest ta' reati li huma ta' natura politika b'konnessjoni terroristika. Lanqas kien hemm lok fil-każ preżenti ta' intervent tal-Kumitat kontra t-Tortura (CPT) fit-Turkija bħal ma kien hemm fil-każ ta' Salduz.

F'dan is-sens, il-Qorti Ewropea fil-każ *Salduz* tispjega li l-prinċipji enunċjati f'dik is-sentenza, fosthom id-dritt għall-assistenza legali fi stadju tal-interrogatorju, hu "…*in line with the generally recognized international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and* ***<u>whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities</u>****."* Il-Qorti tkompli tispjega illi *"this right [of the accused not to incriminate himself]...presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused…"*

Illi fil-każ in diżamina pero' minn imkien ma jirriżulta li b'xi mod l-imputati appellati ġew trattati ħażin, mhedda, imsawta jew li intużat xi vjolenza kontra tagħhom; lanqas ma jirriżulta li l-imputati appellati pprotestaw f'xi punt li l-istqarrijiet tagħhom ġew meħuda minnhom permezz ta' vjolenza, pressjoni jew maniġġi ossija *duress*. Apparti minn hekk ma jirriżultax li l-Pulizija b'xi mod intimidaw lill-imputati appellati jew ġiegħluhom jirrilaxxjaw l-istqarrijiet.

[2] *Panovits v Cyprus* App no 4268/04 (ECHR, 11 December 2008)

**iii. Il-konfessjonijiet tal-imputati appellati fl-istqarrijiet rispettivi tagħhom kienet waħda inkondizzjonata u li saret liberament**

L-imputati appellati għamlu konfessjoni nkondizzjonata. Din il-konfessjoni kienet magħmula minnhom liberament. Tant huwa minnu dan li meta mistoqsija mill-Pulizija jekk kienx hemm ftiehem mal-ko-imputati sabiex iġiegħlu terzi persuni jixtru għalihom oġġetti mid-*duty free,* l-imputati appellati wieġbu b'mod estensiv għal din il-mistoqsija billi anke spjegaw dettaljatament a fol. 29 u 31 tal-proċess rispettivament kif ġie imwettaq ir-reat imputat lilhom!

Ifisser dan allura allura li din il-konfessjoni:-

(a) kienet magħmula kontra l-Liġi ?
(b) kienet tmur kontra d-drittijiet ta' smiegħ xieraq ?
(c) kienet għalhekk inammissibbli jew skartabbli bħala prova ?

L-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi regola sempliċi u sagrosanta–

*Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*

Bid-dovut rigward, sa fejn jaf l-esponenti, dan l-artikolu għadu jinsab fil-Kodiċi Kriminali Malti u s'issa ma ġiex dikjarat inkostituzzjonali. Dan l-artikolu ma jagħmilx distinzjoni fir-rigward tal-**kuntest** fejn tali konfessjoni tiġi magħmula u minn min tiġi magħmula. Ma jagħmilx distinzjoni bejn sitwazzjoni fejn konfessjoni tkun magħmula minn persuna lill-Pulizija fi stadju ta' investigazzjoni, jew jekk tkun magħmula ma terzi persuni f'kuntest mhux investigattiv.

L-enfażi ta' din il-Liġi sempliċi u ordinarja hija li konfessjoni, magħmula ma min u fejn magħmula, dment li hija magħmula b'mod ħieles, u dment li tkun magħmula skont dan l-

artikolu, għandu jkollha s-saħħa ta' prova favur jew kontra dak li jkun għamilha. Dment li din il-konfessjoni, ossija stqarrija, tkun magħmula mill-persuna li tirrilaxxjaha volontarjament u ma tkunx ġiet imġiegħla, jew meħuda b'theddid, jew b'biza, jew b'wegħdiet, jew bi twebbil ta' vantaġġi, tista tinġieb bi prova. Il-Liġi teżiġi biss li sabiex konfessjoni tkun valida trid tkun **magħmula** **bir-rieda ħielsa u konsapevoli** tagħha – irrispettivament fejn, ma min u meta tkun saret din il-konfessjoni.

Għalhekk għaliex konfessjoni magħmula minn persuna quddiem uffiċjal tal-pulizija, meta din il-konfessjoni tkun magħmula b'mod volontarju, ħieles, mingħajr pressjoni, theddid, biża, wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi saret illum, kważi *per definizione, per se e in se* kontra l-Liġi u vjolattiva tad-drittijiet tal-bniedem?

Jekk persuna ma tkunx ikkonsultat ma avukat qabel ma tkun għamlet konfessjoni, dan il-fatt *per se e in se*, kemm jista jwassal biex tali konfessjoni tkun ritenuta li tkun ingħatat **kontra** l-Liġi u kontra r-rieda ta' dak li jkun?

U jekk persuna tkun għamlet tali konfessjoni lill-Pulizija, **wara** li l-persuna li tkun għamlet din il-konfessjoni tkun:

(a) ġiet ***minn qabel ma fetħet ħalqha u għamlet il-konfessjoni, imwissija direttament, personalment u verbalment mill-uffiċjal investigattiv li għandha d-dritt li ma tgħid xejn*** – ergo mwissija verbalment u bi kliem li jinftiehem minn min ikun ser jinterrogaha bid-dritt tagħha tas-silenzju assolut. Fil-fatt, fl-istqarrija hemm imniżżel li "*M'intix obligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista jingieb bhala prova*".

(b) ġiet imwissija wkoll li fil-każ li tagħżel li titkellem, dak li tgħid ikun jista jinġieb bi prova;

(c) l-istess persuna tistqarr li "*Niddikjara li din l-istqarrija ghamiltha jien volontarjament u ma gietx imgieghla b'theddid jew biza', jew b'weghediet jew bi twebbil ta' xi vantaggi, u wara li qrajtha jien stess naghzel li niffirma*".

(d) l-istess persuna li fl-ebda mument ma tkun talbet għal assistenza legali jew konsulta legali;

(e) ma ġietx mċħuda mill-Pulizija ebda dritt ta' assistenza legali, kemm għaliex ma talbitx għal tali assistenza, kif ukoll għaliex il-Liġi viġenti dak iż-żmien ma kienetx tobbliga lill-Pulizija li **jinfurmaw** ukoll lill-persuna ndagata b'dan id-dritt;

(f) ma tkunx ikkontestat l-istess stqarrija minħabba li kienet meħuda kontra jew bi vjolazzjoni tal-artikoli tal-Liġi ordinarja;

ifisser neċessarjament u bilfors li din il-konfessjoni hekk magħmula f'kuntest investigattiv hija vjolattiva tad-dritt ta' smiegħ xieraq u li bħala konsegwenza ta' hekk hija nammissibbli bi prova fil-kumplament tal-proċeduri legali a karigu ta' dik il-persuna?

Fl-umli fehma tal-esponent, konfessjoni li tkun saret mingħajr ma tkun saret konsulta legali qabel jew waqt tali konfessjoni, ma jfissirx ***awtomatikament, għas-sempliċi fatt li l-konfessjoni tkun saret mingħajr ma kien hemm assistenza legali allura hemm bil-fors, u a priori, il-presunzjoni tal-ksur ta' drittijiet tal-bniedem u il-konsegwenti nammissibbilita' tal-konfessjoni magħmula.***

F'dan is-sens, l-esponent jistaqsi kif f'każ li konfessjoni issir ma persuna jew persuni oħrajn (f'kuntest li meta għamlet tali konfessjoni l-imputata ma kienetx assistita minn avukat) ma twassalx ukoll għall-inammissibbilita' tal-prova tal-persuna li tkun saret il-konfessjoni libera magħha dwar il-kommissjoni tar-reati de quo? Dan ikun verament paradoss għaliex meta persuna ma tkunx imwissija fuq il-konsegwenza tal-konfessjoni tagħha mat-terz (mingħajr ma l-konfessant ikun ottjena parir legali) dan it-terz ikun jista validament jinġieb bi prova kontra l-konfessant, mentri fil-każ li l-konfessant jiġi mwissi mill-uffiċjal tal-pulizija dwar il-konsegwenza tal-fatt li jekk jitkellem dak li jkun ser igħid jista jinġieb bi prova kontra tiegħu, qabel ma l-konfessant jagħmel il-konfessjoni, dan il-kuntest iwassal għall-inammissibilita ta' dak konfessat f'każ li ma jkunx hemm l-assistenza legali preċedenti jew konkomitanti l-konfessjoni. Bir-rispett kollu dan huwa kontro-sens.

Illi l-esponent iżid jgħid illi l-interpretazzjoni li qed tingħata minn dawn il-Qrati, li tali konfessjonijiet għalkemm mhux sfilzati mill-atti għandhom jiġu xorta waħda skartati għaliex

preżunti vjolattivi tad-drittijiet tal-bniedem għal smiegħ xieraq, ixxejjen il-prinċipju fundamentali proċedurali Malti misjub fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, imsemmi iktar 'l fuq, li jiffoka fuq il-***volontarjeta'*** tal-konfessjoni.

Fl-umli fehma tal-esponent l-effett legali ta' dan l-artikolu, magħqud mal-fatt li l-imputati appellati kienu ġew espliċitament imwissija bil-konsegwenzi fil-każ li jitkellem mal-pulizija (anke jekk hu jkun tkellem mingħajr il-preżenza tal-avukat tiegħu), u minkejja tali twissija huma liberament għażlu li jkomplu jitkellmu mal-Pulizija, iwassal sabiex tali prova għandha tiġi ritenuta bħala prova legalment valida, produċibbli, ammissibbli u rilevanti għal fini tal-kumplament tal-proċeduri legali li jsegwu minn hemmhekk flimkien ma provi oħrajn li tresqu f'dan il-każ.

Dawn il-prinċipji flimkien, meta ġew imħadma sewwa u b'diliġenza mill-uffiċjali investigattivi f'dan il-każ, għandhom ixejnu l-biża li l-imputat appellat seta' kien f'xi posizzjoni vulnerabbli, u li seta' b'xi mod jinkrimina lilu nnifisu mingħajr ma kien jaf bil-konsegwenzi fil-każ li jagħżel li jitkellem. Kif jgħid tajjeb l-Ingliż, « *pre-warned, pre-armed* ». U hekk ġara f'dan il-każ fejn l-imputati appellati kienu ġew « *pre-warned* » mill-uffiċjal investigattiv. Huma għażlu li jikkollaboraw u igħinu lill-Pulizija minkejja dan. Għalhekk ukoll għażlu liberament u volontarjament li jikkonfessaw l-involviment tagħhom f'dan ir-reat, konsapevoli mhux biss li kellhom id-dritt tas-silenzju, iżda wkoll li kull kelma li kienu ser jgħidu kienet ser tinġieb bi prova. Madankollu, xorta għażlu li jitkellmu.

L-esponenti jinnota wkoll illi meta l-imputati appellati liberament u volontarjament ikkonfessaw l-involviment tagħhom, huma kienu qed jeżerċitaw dritt bażiku u fundamentali ieħor, ċioe' d-dritt tal-liberta tal-espressjoni. Dan id-dritt ġie eżerċitat infatti minkejja t-twissijiet li ngħataw. Issa pero' ma jistax ikun li għax għamlu dan u issa kellhom ripensament, il-prosekuzzjoni tiġi penalizzata fejn il-prosekuzzjoni ma kkommettiet ebda nuqqas – la proċedurali u lanqas sostantiv.

### iv. <u>Id-dritt għal smiegħ xieraq ma hux dritt assolut; tant ieħor id-dritt għall-assistenza legali li jitnessel mid-dritt għal smiegħ xieraq</u>

Illi bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta'assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq meta bniedem ikun akkużat b'reat kriminali. Huma l-

proċeduri u l-proċedimenti penali fit-totalita' tagħhom li għandhom jiġu mistħarġa biex wieħed jiddetermina jekk persuna tkunx ingħatat dritt ta' smiegħ xieraq effettiv fil-prattika. ***Kull meta l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq minħabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, dejjem ikkwalifikat il-ġudizzju tagħha u qalet li jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser jkollha smiegħ xieraq fil-proċeduri kriminali, allura l-persuna għandu dritt ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni.*** L-esponenti jissottometti li ċertament illi mhux il-każ illi din il-Qorti Ewropea qalet li jekk persuna ma kienitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smiegħ xieraq.

Illi in sostenn ta' dak li ingħad hawn fuq, l-esponenti jirrimarka illi id-dritt għal smiegħ xieraq taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mhux dritt fundamentali li huwa rikonoxxut bħala assolut bħal ma hu dak naxxenti, per eżempju mill-artikolu 3[3] tal-istess Konvenzjoni. L-istess jingħad għad-dritt tal-assistenza legali li hu sempliċiment prinċipju li jitnissel mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni imsemmija. In fatti, il-Qorti ..Ewropea fil-każ *Salduz* qalet li *"as the court has already held in its previous judgments, the right set out in paragraph 3(c) of Article 6 of the Convention is one element, amongst others, of the concept of a fair trial in criminal proceedings contained in paragraph 1"*

**v. Id-dritt għal smiegħ xieraq għandu jkun evalwat fit-totalita' tal-proċedura**

Id-dritt għal smiegħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proċedura u mhux fir-rigward ta' mumenti partikolari minnha. Fil-proċeduri in kwistjoni jidher, pero', li il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iffukat biss fuq l-istadju tal-interogazzjoni meta l-imputati appellati rrilaxjaw l-istqarrijiet. Dan imur kontra l-prinċipji enunċjati mill-Qorti Ewropea, li fil-każ ta' *Imbroscia vs Switzerland,* qalet illi "*...the manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case".*

[3] *SAADI vs Italy*, App no 37201/06 (28 ta' Frar 2008)

Huwa evidenti li dan id-dritt irid jiġi meħud fid-dawl tal-proċeduri penali kollha meħuda fil-konfront ta' persuna. Infatti, l-esponent ma jiskantax li dak li ġie deċiż f'dan il-każ Salduz kien vjolattiv tad-drittijiet fundamentali **fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' Yusuf Salduz : -**

(a) fid-dawl ta' dak li kien mixli bih,
(b) fid-dawl tal-kuntest politiku u terroristiku li nstab fih,
(c) fid-dawl tal-mod kif sar l-interrogatorju tiegħu,
(d) fid-dawl taċ-ċaħda tad-dritt tal-assistenza legali, meta dan id-dritt kien applikabbli,
(e) fid-dawl tal-fatt li kien hemm allegazzjonijiet serji ta' abbuż mill-uffiċjali tal-pulizija,
(f) allegazzjonijiet ta' allegazzjoni ta' trattament ħażin minn naħa tal-pulizija,
(g) fid-dawl ta' allegazzjonijiet li kien ġie mġiegħel jirrilaxxja l-istqarrija konfessorja.

Meta l-Qorti tal-Maġistrati skartat kompletament l-istqarrijiet tal-imputati appellati mingħajr ma qieset kont **taċ-ċirkostanzi kollha** li fihom dawn il-konfessjonijiet ġew rilaxxjati, applikat il-prinċipji legali li ħarġu mill-każijiet Maltin (eż. Privitera u oħrajn) u tal-Qorti Ewropeja (eż. Salduz, Panovits, u oħrajn), f'kuntest ta' ċirkostanzi kompletament differenti. Minflok rat u indagat it-totalita' tal-proċeduri li waslu għal dawk il-konfessjonijiet, u il-mod ta' kif sar l-interrogatorju u il-mod ta' kif dawk l-istqarrijiet ġew mogħtija, u il-'forma mentis' speċifiku tal-imputati appellati, straħet biss fuq il-punt waħdieni – ċioe' n-nuqqas ta' konsulenza u assistenza legali bħala l-bażi għall-iskartar komplet tal-konfessjonijiet.

L-esponenti jirrimarka illi l-konsegwenzi ta'applikazzjoni ndiskriminata, maqtugħa mill-kuntest fattwali li fih ingħataw dawn is-sentenzi, jista jwassal biex il-bilanċ delikat eżistenti bejn il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fil-każ partikolari, u l-interess tas-soċjeta li tiġi protetta mill-kummissjoni ta' reati kriminali serji, jiġi preġudikat serjament.

Id-dritt ta' smiegħ xieraq f'kull każ individwali huwa mportanti u sagrosant. Pero' daqstant huwa importanti li dan id-dritt ma jiġix interpretat b'mod laxk u radikali u liberali żżejjed għaliex altrimenti l-prezz li din is-soċjeta' jkollha tħallas ikun għoli u qares: għaliex meta ċittadin jara li persuna li tiddelinkwi u tistqarr ħtijietha ma tħallasx għal egħmilha delinkwenti, dan iċ-ċittadin onest jibda jitlef il-fiduċja tiegħu fis-saltna tad-dritt u jibda jara li "crime pays". Dawn huwa prospett ikrah ħafna għall-ġid tal-komunita u iċ-ċittadinanza onesta u ħielsa.

**vi. L-imputati appellati fl-ebda mument matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma ċaħdu l-kontenut tal-istqarrija mogħtija minnhom lill-Pulizija**

Il-Qorti Ewropea fil-każ ta' *Salduz* innutat il-fatt illi Salduz repetutament ċaħad il-kontenut tal-istqarrija tiegħu mogħtija lill-Pulizija kemm waqt il-proċeduri meħudin fil-konfront tiegħu, kif ukoll waqt l-istadju tal-appell.[4] Iktar minn hekk, il-Qorti Ewropea fil-każ *Panovits* qalet "*...that the Supreme Court found that throughout the course of the first-instance proceedings the applicant had consistently tried to negate his initial statement, an approach which had a great impact on the court's assessment of his credibility";*

Illi fil-każ in diżamina, l-imputati appellati fl-ebda mument ma ċaħdu tul il-proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom il-kontenut tal-istqarrijiet tagħhom. Kien biss fl-aħħar tal-proċeduri, ċioe' fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Frar 2012, li l-imputati appellati, ikkontestaw il-fatt li ma kienux assistiti minn avukat. L-esponent għalhekk isibha diffiċli jemmen kif il-Qorti tal-Maġistrati setgħat waslet biex tiddeċiedi li temmen lill-imputati appellati li ma kienux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom meta jidher ċar illi din kienet sempliċement manuvra sabiex ma jħallsux għal egħmilhom delinkwenti!

**vii. L-imputati appellati ma kienux minorenni**

Illi finalment il-Qorti Ewropea fil-każ *Salduz* emfasizzat il-fatt illi l-akkużat kien wieħed minorreni. Infatti, il-Qorti spjegat illi *"...the Court notes that one of the specific elements of the instant case was the applicant's age. Having regard to a significant number of relevant international law materials concerning legal assistance to minors in police custody (see paragraphs 32-36 above), the Court stresses the fundamental importance of providing access to a lawyer where the person in custody is a minor."*

L-imputati appellati, fiż-żmien meta taw l-istqarrijiet tagħhom lill-Pulizija, kellhom disgħa u erbgħin sena u għalhekk żgur li ma jitqiesx f'dan is-sens li kienu persuni vulnerabbli meta għamlu dawn il-konfessjonijiet.

[4] Para. 57

Għalhekk, fin-nuqqas taċ-ċirkostanzi partikolarissimi tal-każ ta' Yusuf Salduz jew Andreas Kyriakou Panovits imsemmija hawn iktar 'l fuq, jista wieħed igħid serenament li fil-każ in eżami hemm l-istess estremi sabiex il-prinċipji msemmija f'dawn il-każijiet japplikaw ukoll bl-istess mod identiku u indiskriminat fil-każ tal-imputati appellati meta l-fatti u ċ-ċirkostanzi kienu għal kollox differenti?

Fl-umli fehma tal-esponent, ċerti prinċipji legali li mhumiex assoluti, mogħtija minn liema Qorti jkunu mogħtija, ***ma jistgħux u ma għandhomx*** jiġu applikati bl-istess mod u f'kull każ indiskriminatament, indipendentement mill-kuntest tal-każ, mill-isfond tal-fatti tal-każ u miċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ. Il-Ġustizzja trid issir b'riferenza għal fattispecie partikolari u tapplika d-dritt għal dawk il-fattispecie partikolari – u il-Ġustizzja trid issir filwaqt li tidher li qed issir. Altrimenti ma jkunx qiegħed isir eżerċizzju ta' amministrazzjoni ta' Ġustizzja - li jieħu kont kemm tad-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata kif ukoll tas-soċjeta Maltija li għandha interess li tara li reati kriminali (anke meta ammessi u konfessi skont il-Liġi) - jiġu mrażna.

Illi billi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) skartat l-istqarrijiet minħabba l-allegata leżjoni, l-apprezzament tal-provi kif kien pretiż minnha li tagħmel ma sarx u dan peress li f'ebda mod ma' apprezzat il-kontenut tal-istqarrijiet miġjuba quddiemha rrispettivament tal-fatt li għażlet li tirritjeni dawn id-dokumenti bħala parti mill-provi fil-każ innifsu konsiderando wkoll li dawn l-istqarrijiet kienu finalment ittieħdu skont il-liġi[5] in vigore dak iż-żmien u li permezz ta' ġurisprudenza nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bħala l-prova reġina.[6]

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent itenni li skont dak dispost mill-artikolu 349(2) tal-Kodiċi Kriminali (li jaqa taħt it-titolu dwar is-setgħat u d-dmirijiet tal-Pulizija

[5] Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.

[6] *Pulizija vs Richard Borg*, Qorti tal-Appell Kriminali, 18 ta' Settembru 2002, : 'Hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew b'biza, jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu.(Art. 658 Kap.9)'

Eżekuttiva fil-proċedimenti Kriminali u li fosthom jinkludu t-tehid ta' kampjuni u anki d-dritt tal-assitenza legali) jingħad li :

> 349.(1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk is-setgħat vestiti fih skont il-liġi u fil-limitu awtorizzat mil-liġi, u f'din id-disposizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.

**2. L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m'għandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess bil-liġi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew ħtieġa.**[7]

*Dato ma non concesso* li l-imputati appellati ma ngħatawx l-opportunita' li jikkonsultaw ma avukat u (minkejja t-twissija mogħtija lilha mill-Pulizija, il-kuntest, etc.) minħabba f'hekk qiegħdu lilhom innifishom f'posizzjoni preġudikanti tant li setgħu jinkriminaw lilhom innifishom, u li kwindi wasslet ukoll għal possibbli leżjoni tad-drittijiet tagħhom, ***tali ommissjoni ta' formalità jew ħtieġa, ma kienetx per se u in se ostakolu għall-ammissibbilità tal-provi***. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalhekk ma setgħetx ma tapprezzax din il-prova bil-konsegwenza li sempliċiment tiskartahom minħabba n-nuqqas tal-preżenza tal-Avukat fil-*pre-trial stage,* iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta mill-liġi ta' dak iż-żmien li din issir *ad obligatem*. Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli tħares xi waħda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli għan-nuqqasijiet da parti tagħha iżda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas tagħhom il-prova li tkun inġabret fiha nnifisha tispiċċa fix-xejn.

Illi kien għalhekk li l-ewwel Qorti kellha tapprezza l-kontenut ta' din il-prova u tapprezza l-piż jew pern tagħha fid-dawl tal-leżjoni kif iddikjarata fis-sentenza Kostituzzjonali in re Privitera. Meta sempliċiment skarat il-prova tal-istqarrijiet, a bażi tal-leżjoni kif iddikjarata mill-Qorti Kostituzzjonali, mingħajr lanqas ma kkunsidrat u analizzat il-kontenut tagħhom, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma segwitx dak li ħareġ mis-sentenza in re Privitera, u spiċċat biex provdiet għal rimedju minħabba l-allegat ksur ta' drittijiet tal-bniedem meta ma kienetx legalment obbligata li tagħmel dan.

[7] Enfażi tal-esponent.

Infatti, kieku l-Qorti Kostituzzjonali fil-każ Privitera riedet tannulla jew tisfilza l-istqarrija bħala rimedju, kienet tagħmel dan kategorikament u mhux tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-prosegwiment u *kontinwazzjoni* tal-każ de quo. Dan juri li ma kienx il-kompitu tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tagħti rimedju minflok il-Qorti Kostituzzjonali. Dan ukoll peress li l-Qorti Kostituzzjonali tista' tirrikonoxxi ksur tad-drittijiet fundamentali mingħajr ma tirrimedjah (*just satisfaction*).

Din iċ-ċirkostanza fil-fatt irriżultat fil-kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet *Pulizija vs Noel Arrigo et* fejn dik l-Onorabbli Qorti ddeċidiet li kien hemm leżjoni iżda ma tagħt l-ebda rimedju effettiv apparti li 'titqiegħed kopja ta' dan il-ġudikat fl-atti tal-proċess kriminali fl-ismijiet *Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D. et* illi fih ir-referenza kostituzzjonali odjerna'.[8] Effettivament allavolja ġiet iddikjarata din il-leżjoni, il-każ kontra l-akkużati Arrigo u Vella kompla skont il-liġi penali u sa fl-aħħar ġew misjuba ħatja u ġġudikati mill-Qrati Kriminali u konfermati f'istadju ta' appell fil-każ ta' Noel Arrigo. Ma kien hemm l-ebda jedd da parti tal-Qorti Kriminali li tipprovdi rimedju flok il-Qorti Kostituzzjonali għas-sentenza ta' leżjoni mogħtija mill-istess. Il-leżjoni ġiet rikonoxxuta u l-proċeduri tkomplew skont il-liġi minn hemmhekk il-quddiem.

Illi għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ***naqset li tqis il-provi kollha miġjuba quddiemha kif kienet pretiża li tagħmel skont il-liġi***, u liema nuqqas wassal għall-liberatorja nġustifikata tal-imputati appellati li finalment kienu ammettew għar-reati kommessi minnhom. Dawn l-ammissjonijiet jibqghu li huma u għandhom jiġu meqjusa bħala tali. In-nuqqas ta' apprezzament tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u il-konklużjonijiet għas-sentenza liberatorja tagħha ndubjament ma jirrappreżentawx apprezzament siewi tal-provi prodotti li kwindi ma jiġġustifikawx il-konklużjonijiet tas-sentenza appellata anke fid-dawl tas-sentenza Kostituzzjonali in re Privitera et al.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

[8] Qorti Kostituzzjonali (Onor Imħallef Anton Depasquale, Onor Imħallef Albert J. Magri u l-Onor Imħallef Geoffrey Valenzia) 29 ta' Ottubru 2003.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-kuncett ta' l-assistenza legali qabel l-interrogatorju da parti tal-pulizija gie introdott fil-Kodici Kriminali bl-Att numru III tas-sena 2002. Dan id-dritt jinstab fl-artikolu 355AT tal-kodici msemmi. Tali dritt beda jsehh fl-10 ta' Frar, 2010 meta dan l-artikolu u ohrajn tal-Kodici Kriminali ingabu 'in vigore' bl'Avviz Legali 35 ta' l-2010. Minhabba l-fatt tad-dewmin biex jigi fis-sehh dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali nibtu hafna problemi li kellhom jigu risolti mill-Qrati taghna, specjalment il-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fatt l-ewwel kawza li giet deciza kienet fil-11 ta' April, 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. Alvin Privitera'. Fit-12 ta' April, 2011 l-istess Qorti ddecidiet zewg kawzi ohra, fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. Mark Lombardi' u 'Il-Pulizija v. Esron Pullicino'. Dan kien il-bidu ta' sensiela ta' sentenzi li zviluppaw il-kuncett tal-parir ta' l-avukat qabel ma tittiehed staqarrija minghand is-suspettat mill-pulizija.

Illi l-appell tal-Avukat Generali hu mfassal fuq il-bazi li l-ewwel Qorti kellha taghti piz lill-istqarrija li giet rilaxxata mill-appellati u mhux tiskarta l-istess. Fil-fatt ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali gie riprodott biex wiehed ikun jista' jkollu stampa cara tal-hsieb tieghu. Minn qari attent tal-kawzi decizi sal-lum jirrizulta li l-Avukat Generali ftit li xejn biddel il-hsieb tieghu 'in materja'. Id-decizjoni li tat l-isvolta hi dik moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru, 2012 fl-ismijiet: 'Charles Steven Muscat v. Avukat Generali'. Hawnhekk, din il-Qorti tat interpretazzjoni differenti u espandiet il-hsieb taghha fuq it-tlett sentenzi hawn fuq citati. Fil-qosor, b'din ir-raba' sentenza l-Qorti delinjat il-konfini ta' fejn tista' tasal jekk il-persuna indagata, suspettata jew arrestata ma jkollhiex l-assistenza legali.

Illi din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni biex tiddecidi dwar materji kriminali u l-ewwel Qorti fasslet is-sentenza taghha fuq principji tad-dritt penali u tad-dritt kostituzzjonali. Fuq il-principju kostituzzjonali l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma setghatx tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha ghaliex ma ghamlitx referenza kostituzzjonali 'ad hoc'. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan il-hsieb u l-ewwel Qorti mxiet fuq l-iskorta ta' l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali vigenti fid-data meta nghatat is-sentenza u cioe' fid-data tal-31 ta' Mejju, 2012. L-unika haga li wiehed jista' jippostula hi li d-decisjoni tal-ewwel Qorti hi wahda lakonika u lapidarja. Dan ifisser li l-ewwel Qorti ma kellhiex il-beneficcju tas-

sentenza pronunzjata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru, 2012. Hi mxiet fuq l-iskorta tal-ewwel tlett sentenzi moghtija fil-11 u fit-12 ta' April, 2011.

Illum, il-pozizzjoni hi ftit differenti billi l-Qorti Kostituzzjonali qed thares lejn il-kaz ta' 'Salduz v. Turkey' b'lenti differenti u tat interpretazzjoni differenti ghal dak li nghataw fl-ewwel tlett sentenzi hawn fuq imsemmija. Il-gurisprudenza 'in materja' saret kopjuza u kostanti. Fil-fatt fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-18 ta' April, 2013 fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. Jesmond Camilleri' gie ritenut:

**"...Il-fatt illi akkuzat ma jkollux assistenza legali fil-bidunett tal-arrest tieghu ma jfissrx automatikament illi l-istqarrija moghtija minnu hija nulla, izda trid tqis kemm kien jew ma kienx vulnerabbli l-akkuzat meta gie arrestat mill-pulizija u moghti l-'caution' sabiex jaghmel stqarrija u jekk dak in-nuqqas iwassalx ghall-ksur tal-jedd tas-smiegh xieraq.**

**Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza 'Charles Steven Muscat v. Avukat Generali': "Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur." Din is-sentenza giet ukoll segwita minn ohra moghtija ftit granet wara 'John Attard v. Onorevoli Prim' Ministru u l-Avukat Generali fil-31 ta' Ottubru, 2012 fejn fost affarijiet ohra l-istess Qorti Kostituzzjonali qalet: 'Ebda Qorti f'ebda hin ma stabiliet principju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni automatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smiegh xieraq.'"**

Fl-istess linja ta' hsieb huma zewg sentenzi ohra moghtija, minn din il-Qorti diversament presjeduta, fl-10 ta' April, 2013 fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. Debbie Antoinette Vella' u 'Il-Pulizija v. Greta Elena Loredana Mercieca'.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li meta giet rilaxxata l-ewwel stqarrija fit-8 ta' Settembru, 2006 iz-zewg appellati kellhom l-eta' ta' disgha u erbghin (49) sena. Jirrizulta li huma rrilaxxaw it-tieni stqarrija fl-20 ta' Settembru, 2006. Dan ifisser li wara li taw l-ewwel stqarrija huma gew rilaxxati mill-pulizija. Ghaddew tnax il-gurnata bejn iz-zewg stqarrijiet u wiehed ghandu jimmagina li marru kkonsultaw avukat, anki semplicement biex jaraw x'inhi l-pozizzjoni taghhom wara l-ewwel stqarrija. Huma ma gewx imressqa b'arrest izda b'ciatazzjoni.

Jirrizulta minn analizi tal-istqarrijiet li dawn gew rilaxxati wara li nghataw is-solita twissija u li ghandhom id-dritt li ma jwiegbu ghal eba domanda. Hu veru li z-zewg appellati ghandhom fedina penali netta izda minn imkien ma jirrizulta li setghu b'xi mod kienu vulnerabbli. Hawnhekk, wiehed ma jistax jinsa li l-appellati kienu addetti ghas-sigurta' fl-airport internazzjonali ta' Malta u dan hu fattur vitali fil-kuntest globali tal-pozizzjoni taghhom. Lanqas ma jirrizulta li l-istqarrijiet ttiehdu bi vjolenza, b'qerq jew theddid jew xi forma ta' intimidazzjoni.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-appell ta' l-Avukat Generali dwar il-fatt ta' nuqqas ta' assistenza ta' avukat lill-appellati qabel ma gew rilaxxati l-istqarrijiet ghandu jigi milqugh.

Illi minhabba din il-konkluzjoni din il-Qorti qed tastjeni milli tikkumenta dwar il-kumplament tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u dwar l-apprezzament li tat l-ewwel Qorti lil dawn il-provi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Illi biex l-appellati ma jigux privati mid-'doppio esame', tordna li l-atti ta' din il-kawza jergghu jintbaghtu minnufih quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-kawza skont il-ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------